MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2011

Numru 198/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Paul Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Paul Agius bin Joseph u Guditta nee` Debono data tat-twelid 25/06/1977 u residenti 6, Triq Trux, Gharb, Ghawdex, karta ta’ l-identita` numru 22377(G) fejn gie akkuzat talli nhat id-09.04.2009 ghal habta ta’ 21.45hrs u fil-hinijiet ta’ qabel fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex saq vettura ABR 283 ta’ l-ghamla Toyota:

1. b’manjiera traskurata, perikoluza u negligenti
2. aktar talli saq l-imsemmija vettura u qabez il-linji kontinwi fl-imsemmija triq

3. aktar talli saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura msemmija fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Marzu, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Peter Paul Agius hati tal-ewwel akkuza fis-sens illi s-sewqan tieghu kien wiehed traskurat biss kif ukoll tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' €1500 u ordnat li l-licenzja tieghu tas-sewqan tigi sospiza ghal zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Peter Paul Agius minnu prezentat fil-15 ta' April 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha f'dik il-parti fejn sabet htija taht l-artikolu 15(A)(1), 15H(1)(a) u 15(H)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u in kwantu ukoll erogat il-piena ta' multa ta' elf u hames mitt euro (€1500) u tikkonfermaha fil-bqija u tinfliggi piena skont il-ligi.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

**5.** Il-fatti tal-kaz jistghu jigu riassunti kif gej:

Fid-9 ta' April 2009 ghall-habta ta' xi hin wara s-6.00 pm marru l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat Ghawdex ufficcjal tal-*guard and wardens* flimkien ma' l-imputat Peter Paul Agius li ftit qabel kien allegatament involut f'habta ma vettura ohra filwaqt li huwa kien isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABR238. L-ghassa huwa rrifjuta li jaghti l-verzjoni tieghu ta' kif gara l-incident u gie mitlub jipprezenta l-licenzja tieghu tas-sewqan. Huwa sostna li l-licenzja kienet tinsab id-dar tieghu. Huwa mar igib il-licenzja tieghu mid-dar u dan bil-vettura tieghu. Meta

wasal lura r-Rabat huwa gie osservat minn PS 1464 Portelli isuq il-vettura tieghu kontra l-linja li taqsam it-triq sabiex ipparkja l-vettura tieghu fuq in-naha hazina tat-triq u fl-arja riservata tal-ghassa tar-Rabat. PS Portelli informa lill-imputat li kien ser jirrapportah u hawn l-imputat beda jghajjat mas-surgent Portelli. F’dak il-hin PS 1377 Emanuel Cilia avvicina lill-imputat u xamm li kellu fuqu riha ta’ xorb u ghalhekk gie deciz li jsirlu *breathalyser test*. It-test sarlu l-ghassa tar-Rabat u r-rizultat kien 58 mg *units*.

**6.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

(1) illi l-imputat qatt ma seta’ jinstab hati ta’ sewqan traskurat taht l-artikolui 15A(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta peress li l-komportament u l-kundizzjoni fizika tal-imputat b’l-ebda mod ma kienu jindikaw illi l-appellant ma kienx kapaci jsuq minhabba xorb u ghalhekk il-Qorti ma setghetx tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputat.

(2) illi anki jekk l-imputat gie korrettement misjub hati taht l-artikolu 15A(1) imsemmi il-piena erogata mhux biss hi eccessiva izda addirittura teccedi l-massimu permess mill-ligi peress li skont l-appellant il-massimu tal-multa li setghet tigi erogata mill-ewwel Qorti ghall-htija tal-imputat kienet dik ta’ €757.04.

(3) illi hemm l-assorbiment bejn l-ewwel zewg reati u c-cirkostanzi tal-kaz ma jimmeritawx li tigi komminata l-piena fil-massimu taghha.

**7.** Ghalhekk l-appellant qieghed jappella mis-sejbien tal-htija ghat-tielet reat ta’ sewqan ta’ vettura meta ma kienx f’kundizzjonji li jsuq minhabba xorb u, subordinatament, mill-piena inflitta mill-ewwel Qorti.

**8.** L-ilment tal-appellant dwar is-sejbien ta’ htija ghar-reat imsemmi jistrieh fuq apprezzament divers tal-provi li skont l-appellant kellu jwassal lill-Qorti sabiex tilliberah mill-htija. Huwa ormai ben stabbilit li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet serji li jinducu lil din il-

Qorti tkun tal-fehma li jekk ma tigix disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi tkun ser issir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

**9.** Sabiex il-Qorti tkun tista’ tiddeciedi ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi prodotti kemm dawk b’affidavit kif ukoll lix-xhieda li xehedu *viva voce* quddiemha, fosthom PC 415 Angelo Portelli, PC 1380 Loreto Zammit, PS 1464 Michael Portelli, Warden 248 David Vella, PS 1377 Emanuel Cilia. Ghalkemm l-imputat xehed fl-ewwel istanza quddiem din il-Qorti ghazel li ma jixhidx.

**10.** Fl-affidavit tieghu ix-xhud PS 1377 xehed li wara li l-imputat gie lura mid-dar tieghu fejn kien mar biex igib il-licenzja f’mument minnhom, hekk kif is-surgent 1464 informah li kien ser jirrapportah, l-imputat beda jghajjat kemm jiflah u dak il-hin xammlu riha ta’ xorb fuqu. Ukoll meta xehed *viva voce* quddiem din il-Qorti  PS 1377 kkonferma li kien xamm riha ta’ xorb fuq l-imputat u dan kien li wasslu sabiex isejjah lill-iskwadra mobbli sabiex jamministra il-*breathalyser test* lill-imputat. Anki PS 1464, meta xehed *viva voce* quddiem din il-Qorti, u skont hu, mhux kontradett, anki in kontroezami quddiem l-ewwel qorti,  xehed li kien xamm riha ta’ xorb. Fl-affidavit tieghu quddiem l-ewwel Qorti ma semmiex li kien xamm riha ta’ xorb fuq l-imputat, anzi jghid biss li kien lil PS 1377 li gieh suspett li l-imputat kien taht l-influwenza tax-xorb. Ghalkemm quddiem din il-Qorti x-xhud PS 1464 ta spjegazzjoni ta’ dan il-fatt xorta jibqa’ li din il-inkonsistenza tixhet dubbju dwar hux veru li xamm riha xorb fuq l-imputat. B’danakollu, PS 1377  kien dejjem kategoriku u konsisteni dwar li xamm riha ta’ xorb fuq l-imputat u xhud wiehed biss, jekk emmnut hu bizzejjed sabiex jistabilixxi l-fatt li jrid jigi pruvat. U l-Qorti ma ghandhiex raguni ma temminx lix-xhud PS 1377 dwar din ic-cirkostanza.

**11.** Wara kollox, jirrizulta mill-provi li wara li l-imputat irritorna mid-dar u pparkja l-karozza tieghu fuq in-naha hazina tat-triq u bi ksur tal-linja kontinwa f’nofs it-triq, sarlu l-*breathalyser test* u dan ta’ rizultat ta’ 58 m.g, li jeccedi

sew il-limitu ta’ 35 m.g. stabbilit mill-ligi. Id-difiza ghamlet hafna mill-fatt li fil-process giet esibita fotokopja li fih gie mnizzel ir-rizultat tal-*breathalyser test* u li tirrizulta mhix iffirmata. Izda din ma hix xi fotokopja ta’ xi rizultat generat mill-apparat tal-*breathalyser test* izda hu sempliciment dokument part stampat u parti miktub bl-idejn li fih gie mnizzel ir-rizultat u x-xhieda tieghu. Dawn gew prodotti u xhedu bil-gurament u kkonferma ir-rizulta tal-*breathalyser test* u din certament hi l-aqwa prova, aqwa sahansitra mill-original tad-dokument esibit. Ghalhekk, jekk qatt kien hemm bzonn, din il-prova tkompli tikkonforta dak li xehed PS 1377 li kien xamm riha ta’ xorb fuq l-imputat wara li dan irritorna mid-dar bil-karozza tieghu.

**12.** Fid-dawl tal-provi prodotti din il-Qorti hi sodisfatta li ma jezistu ebda ragunijiet serji li jistghu jinducuha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi mismugha, anzi tista’ tmur oltre u tistqarr li wara li hi stess fliet il-provi prodotti, inkluzi x-xhieda li xehedu *viva voce* quddiemha,  hi sodisfatta minghajr dubbju dettat mir-raguni, bhall-ewwel Qorti mill-htija tieghu tat-tielet imputazzjoni talli saq jew kellu l-kontroll tal-vettura ABR 283 Toyota meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb u dan bi ksur tal-artikolu 15A(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**13.** Jonqos li jigu kunsidrati iz-zewg aggravji rimanenti tal-appellant dwar il-piena. L-appellant ghandu ragun dwar it-tieni aggravju peress illi l-piena komminata ghall-htija tar-reati li taghhom l-imputat instab hati teccedi l-massimu stabbilit mill-ligi anki jekk ma jittehidx kont tal-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni. L-appellant ghandu wkoll ragun dwar it-tieni aggravju in kwantu li hemm l-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni u, limitatament ghar-ragunijiet hawn imsemmija, l-piena imposta mill-ewwel Qorti hi eccessiva. Ghalhekk din il-Qorti sejra tnaqqas il-piena imposta mill-ewwel Qorti sabiex tkun wahda fil-parametri stabbiliti mill-ligi ghalkemm ser tkun piena vicin il-massimu ghaliex din il-Qorti tikkunsidra serju l-ghemil ta’ min isuq jew ikollu kontroll ta’ vettura meta ma jkunx f’kondizzjoni li jsuq

minhabba xorb u dan anki fid-dawl tal-fedina penali tal-appellant li ma hi xejn edifikanti.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ in parte l-appell tal-imputat Peter Paul Agius u tirriforma s-sentenza appellata billi tirriduci l-piena imposta mill-ewwel qorti u tikkundanna lill-appellant Peter Paul Agius ghall-piena ta’ multa ta’ sitt mitt ewro (€600) u tikkonfermha fil-bqija b’dan li s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat appellant ghandha tibda tghodd minn ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------